MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 573/2010

**Michael Refalo (K.I. 70357G)**
**vs**
**Where’s Everybody Ltd (C- 4004)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur li permezz tieghu l-attur talab l-hlas ta’ elf, sitt mija u tnejn u hamrsin ewro (€1652.00) somma dovuta lill-attur mis-socjeta’ konvenuta rapprezentanti kiri ta’ *mobile toilets* illi gew uzati mis-socjeta’ konvenuta fl-attivita’ mtella’ minnha bl-isem Gozo1234 u dan skont fattura numru 1060 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘A.’

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficjali numru 323/2010 datata 5 ta’ Frar, 2010 u bl-imgahxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta.

Bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepixxiet illi preliminarjament m'hijiex il-legittimu kuntradittur u ghandha ghaldaqstant tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dawn stante l-ammont reklamat m'huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra d-dokumenti u noti kollha ezebiti in atti.

Ra li permezz ta' nota kif ukoll dikjarazzjoni verbali l-avukat tal-attur iddikjarat li s-socjeta' konvenuta kienet hallset is-sorte. Illi permezz ta' nota datata 17 ta' Setembru, 2010 t-Tribunal gie nfurmat illi l-partijiet ma kienux wasslu ghal ftehim dwar l-ispejjez tal-kawza u ghalhekk l-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2010 l-partijiet ma dehrux u lanqas d-difensuri taghhom u ghalhekk it-Tribunal ha jghaddi sabiex jiddeciedi dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Lit-Tribunal ma rrizultalux illi s-socjeta' konvenuta kellha aktar xi zzid dwar il-kap ta' l-ispejjez peress fil-jum tas-seduta ma deher hadd ghalkemm l-avukat difensur kif ukoll s-socjeta' konvenuta gew msejjhin tlett darbiet skont il-ligi.

Illi t-Tribunal jikkonkludi illi fic-cirkostanzi tal-kaz huwa sodisfatt li qabel ma ntavola din il-kawza l-attur kien interpella lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas izda din baqghet inadempjenti. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li kemm l-azzjoni u konsegwentement il-kap tal-ispejjez jimmeritaw akkoljiment.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici dwar il-kap tal-ispejjez li huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------